



Brussell, 12 ta' Frar 2021
(OR. en)

5697/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0014(NLE)

WTO 17
COLAC 7

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5696/21 WTO 16 COLAC 6 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendar tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII (Akkwist Pubbliku) - Adozzjoni

1. Fis-27 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq (dok. 5696/21 + ADD 1).
2. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) ġie kkonsultat bil-miktub dwar dan it-test u approvah kif modifikat biex jittieħed kont ta' għadd ta' aġġustamenti meħtieġa.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 5698/21 u 5699/21;
- jiddeċiedi li jordna l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ UE - Kolombja - Perù - Ekwador, kif tinsab fid-dokument 5699/21, ladarba tiġi adottata;
- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-Parlament; kif ukoll
- jiddeċiedi li jdaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-anness għal din in-nota.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tqis li d-Deċiżjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tkun indirizzata lill-Kummissjoni, u b'hekk tqis li l-emendi fl-Artikolu 3 mhumix xierqa.

L-espressjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni f'korp stabbilit bi ftehim hija att ta' rappreżentazzjoni esterna tal-Unjoni li, f'konformità mal-Artikolu 17(1) TUE, hija l-prerogattiva istituzzjonali tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tqis li huwa legalment skorrett li l-Artikoli 91 u 100(2) TFUE jiġu indikati flimkien mal-Artikolu 207(4) TFUE bħala l-bażi legali sostantiva ta' din id-Deċiżjoni.

Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, l-iskop predominanti tad-Deċiżjoni jaqa' taħt il-politika kummerċjali komuni, billi hija relatata biss inċidentalment għall-akkwist ta' servizzi tat-trasport. Għalhekk, id-Deċiżjoni għandha tindika biss l-Artikolu 207(4) TFUE bħala l-bażi legali sostantiva unika tagħha.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward.